TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 222/15/GB

**Moira Ellul**

**vs**

**Brian Pulis – Tal-Madum**

Illum 17 ta' Frar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Novembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tliet elef erbgha mija erbgha u disghin Ewro u sitt ċenteżmi (€3494.06), rapprezentanti l-prezz ta' madum, u x-xoghol ta' twahhil ta' l-istess madum, liema twahhil ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda tiftah dan il-claim minhabba xoghol hazin ta' twahhil tal-madum ta' l-art li ghamel l-intimat fl-appartament taghha.

Dan il-madum, ir-rikorrenti kienet xtratu minghand il-'Bathroom Design', first class. Ghall-ewwel li xtrat dan il-madum, kellu l-problemi li kien iccipjat mill-gnub mill-fabbrika, pero' din il-problema giet diskussa mal-'Bathroom Design' u ghalkemm damet madwar disa' xhur, giet solvuta u l-madum iccipjat gie mibdul f'wiehed tajjeb. Ir-rikorrenti qabdet *tiler* biex jibda jwahhal dan il-madum, pero' waqqfet ix-xoghol minhabba li kien hemm xi madum li beda jidher bil-hanek fil-gnub.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti ikkuntatjat lill-intimat, fejn talbitu parir fuq it-twahhil u staqsietu jekk setax jirrangalha u jkomplilha x-xoghol hu. Dak il-hin, l-intimat qabad invell u tefghu fuq il-madum u qalilha li l-art qisha mewg, mhix invellata tajba u li l-problema tal-hanek kien gej minn hemm. Il-parir tieghu kien li taqla' il-madum li kien diga' twahhal u tibda t-twahhil mill-gdid. L-intimat qalilha li jekk thallieh hekk, kien se jkollha problema bl-ghamara minhabba li l-art ma kienitx dritta.

Ir-rikorrenti baqghat fuq il-parir tieghu, qalghat il-madum li kien twahhal u kkuntatjatu biex jibda x-xoghol ta' twahhil. Qabel ma beda jahdem, ftehmu li tithalla 2mm bhala distanza ghall-*grouting* bejn kull maduma u ohra. Dan kien gie ssuggerit mill-'Bathroom Design', kif ukoll huma l-istruzzjonijiet fuq il-*website* ta' kif ghandu jitwahhal dan il-madum.

Meta l-intimat beda jwahhal, ir-rikorrenti kienet tmur ticcekja kuljum. Kien jidher li ma kienx hemm problema ta' hanek, sakemm gurnata minnhom, l-intimat applika l-*grouting* bejn il-madum. Minn hemmhekk hargu d-difetti tat-twahhil tal-madum kollu. Id-distanza ghall-*grouting* bejn maduma u ohra mhux dejjem kienet ta' 2mm u hareg jidher hafna hanek fil-madum. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti regghat spiccat bl-istess problema li kellha l-ewwel darba li twahhal. Meta hija ddiskutiet din il-problema ma' l-intimat, qalilha li ma kienx tort tieghu izda problema fil-madum minhabba li kien mibrum hafna u mhux ta' kwalita' tajba. Stqasietu jekk kienx wahhal il-madum skond il-vlegeg li kien hemm fuq wara tal-madum u qalilha li ma kienx hemm ghalfejn ghaliex il-madum kien kollu l-istess *pattern*.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent laqqat lill-intimat ma' rapprezentant tal-'Bathroom Design' biex jiddiskutu l-problema flimkien ma' perit, fejn gie spjegat li l-madum kien twahhal hazin.

Illi ghalhekk, ir-rikorrenti qieghda titlob kumpens sabiex tirranga x-xoghol hazin li sar, li jinkludi x-xiri tal-madum, il-materjal tat-twahhil u x-xoghol ta' twahhil mill-gdid.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet sett ta' dokumenti, li gew immarkati minn Dok.ME 1 sa Dok.ME7.

It-Tribunal, wara li ra r-regolament numru 4.1 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 378.01, u wara li ra li l-intimat ippreżenta risposta bil-miktub wara li kien skada t-terminu ta' tmientax-il jum, stipulat mill-istess Legislazzjoni Sussidjarja, cahad ir-risposta ta' l-intimat. Illi ghalhekk, l-intimat baqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega ghandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti rigwardanti l-allegazzjoni taghha li l-madum ma twahhalx skond is-sengha u l-arti. Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrenti, fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra r-rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**